**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 8**
**Rikors Nru. 73/17 JZM**

**Alexie Lapira**

***kontra***

**Dr Christopher Chircop u P.L. Jean Pierre Busuttil, b`digriet tal-Qorti tat-12 ta` Lulju 2017, gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-kumpannija mhux rapprezentata Cut Coiffeur Company Limited;**

***u***

**David Bajada**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ipprezentat fl-24 ta` Jannar 2017 li jaqra hekk :–

*Illi l-kumpannija ntimata Cut Coiffeur Company Limited giet inkorporata mill-esponenti u mill-intimat Bajada fit-tlieta u ghoxrin (23) ta` Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) bin-numru ta` registrazzjoni C33501, u ghandha l-ufficcju registrat taghha fl-indirizz Door 5, Level 5, Triq ix-Xatt, Sliema.*

*Illi l-Memorandum u l-Istatut ta` Assocjazzjoni tal-kumpannijua ntimata vejlanti llum, u mahumza mal-prezenti bhala Dokument A gew introdotti b`rizoluzzjoni datata sitta u ghoxrin (26) ta` April tas-sena elfejn u ghoxrin (26) ta` April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u notifikata lir-Registratur tal-Kumpanniji fis-sebgha u ghoxrin (27) ta` April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) permezz ta` liema rizoluzzjoni gie varjat ukoll il-kapital azzjonarju tal-kumpannija ntimata.*

*Illi konsegwentement il-kumpannija ntimata sehhilha li jkollha kapital azzjonarju awtorizzat fl-ammont ta` tlieta u ghoxrin elf u erba` mitt Ewro (€23,400) maqsum f`ghaxart elef u hamsa u erbghin (10,045) sehem ordinarju b`valur ta` zewg Ewro punt tlieta tnejn disgha tlieta sebgha tlieta centezmi (€2.329373) kull azzjoni.*

*Illi dan il-kapital azzjonarju gie mahrug u sottoskritt kollu in kwantu ghal hamest elef (5,000) sehem ordinarju mill-esponenti, u in inkwantu ghal hamest elef u hamsa u erbghin (5,045) sehem ordinarju mill-intimat Bajada. Dawn l-ishma huma kollha pjenament imhallsa.*

*Illi l-iskop principali li dwaru giet inkorporata l-kumpannija ntimata kien il-gestjoni ta` negozju ta` "hairdressing, beauty and hair-styling" liema negozju l-kumpannija ntimata gestit ghal numru ta` snin minn numru ta` salons differenti.*

*Illi l-kumpannija ntimata hija wkoll garanti solidali tad-dejn personali li l-azzjonisti ghandhom versu s-socjeta` Bank of Valletta plc.*

*Illi ghaz-zmien kollu li matulu l-kumpannija ntimata gestit l-imsemmi negozju, l-esponenti u l-intimat Bajada kienu diretturi unici tal-kumpannija b`dan illi l-esponenti kien inkarigat mit-tmexxija ta` l-aspett artistiku tan-negozju tal-kumpannija, filwaqt li l-intimat Bajada kien inkarigat mill-aspett amministrattiv u finanzjarju tan-negozju.*

*Din is-sitwazzjoni nbidlet meta r-relazzjoni bejn l-esponenti u l-intimat Bjada krollat u n-negozju tal-kumpannija waqaf ghal kollox filwaqt li d-djun tal-kumpannija ma baqghux jithallsu. Wara l-waqfien tan-negozju tal-kumpannija ntimata, l-intimat Bajada Sahansitra approprija beni apparteneti l-kumpannija ntimata u ghamel uzu minnhom ghal skopijiet u gwadann personali tieghu, minghajr ebda jedd.*

*Illi l-azzjonisti tal-kumpannija ntimata ghamlu tentattivi sabiex jaslu ghall-istralc volontarju tal-kumpannija ntimata, kif ukoll ta` kumpannija ohra li huma azzjonisti unici taghha, kif ukoll ta` hwejjeg ohra li huma ghandhom f`komunjoni bejniethom, izda kull tantattiv falla minhabba l-intransigenza ta` l-intimat Bajada.*

*Illi huwa evidenti li n-negozju tal-kumpannija ntimata llum spicca u ma jistax jissokta jew jigi mibdi mill-gdid, u kif ukoll jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-konsegwenrti stralc tal-kumpannija ntimata.*

*Illi wkoll l-kumpannija ntimata tinsab minghajr diretturi billi l-esponenti rrizenja b`effett mis-6 ta` Novembru 2015 u l-intimat Davaid Bajada rrizenja b`effett mill-4 ta` Dicembru 2015, u ghalhekk il-kumpannija ntimata ilha minghajr diretturi ghal aktar minn sitt xhur.*

*Illi inoltre l-waqfien fin-negozju tal-kumpannija ntimata wassal gha-sistwazzjoni li l-istess kumpannija ntimata ma tistax thallas id-djun taghha, inkluz id-dejn mal-azzjonisti personalment u li ghalih hija garanti solidali.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponenti qieghed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li n-negozju tal-kumpannija ntimata baqa` sospiz ghal perijodu bla waqfien ta` mhux inqas minn erbgha u ghoxrin (24) xahar, u dan ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(i) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija ntimata ai termini ta` l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*3. Tiddikjara u tiddecidi illi l-kumpannija ntimata ma tistax thallas id-dejn taghha, a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*4. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-numru ta` diretturi fil-kumpannija ntimata nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji u baqa` hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur, u dan a tenur tal-Artikolu 214(b)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*5. Tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija ntimata a tenur ta` l-Artikolu 214(2)(a)(i) u/jew ta` l-Artikolu 214(a)(ii) u/jew ta` l-Artikolu 214(2)(b)(iii) u/jew l-Artikolu 214(2)(b)(ii) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*6. Tahtar stralcjarju biex jikkonducvi l-istralc konsegwenzjali tal-kumpannija ntimata, bis-setghat necessarji skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*7. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fir-rigward.*

*u dan kollu previa kull dikjarazzjoni u ordnijiet ohra li dina l-Onorabbli Qorti jkun jidhrilha mehtiega u opportuna.*

*Bl-ispejjez u b`riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni ta` l-intimati.*

Rat id-dokument li kien esebit mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta prezentata fit-28 ta` Settembru 2017 mill-kuraturi deputati li kienu mahtura sabiex jirrapprezentaw lill-kumpannija Cut Coiffeur Company Limited li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jiddikjaraw li ghadhom mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghaldaqstant qed jirrizeraw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri motivate f`kaz u jekk jigu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistghu jressqu l-ahjar difiza ghall-assenti ;*

*2. Illi dwar il-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi huwa r-rikorrenti li ghandu l-piz tal-prova u cjoe illi jrid ikun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinci lil din l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qieghed jaghmluy fil-konfront tal-intimati huma fondati.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat id-dokumenti li pprezentaw mar-risposta.

Rat illi l-intimat David Bajada pprezenta risposta fit-28 ta` Dicembru 2017. Ghalkemm ir-risposta kienet tardiva, kienet ammessa fl-atti t-talba tal-intimat ma kenitx opposta. Ir-risposta taqra hekk :-

*1. Illi l-esponent jaqbel li s-socjeta` Cut Coiffeur Company Limited tigi stralcjata madankollu qed jikkontesta r-ragunijiet fattwali fosthom li l-esponent ma kienx l-unika persuna responsabbli ghall-finanzi tas-socjeta` msemmija tant li mill-2012 ma kienx ghadu involut b`mod ezekuttiv u kien l-istess Alexi Lapira li kien qed jiggestixxi l-istess socjeta`.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr. Claudette Fenech u tal-intimat David Bajada fl-udjenza tal-20 ta` Frar 2018 u rat id-dokument li kien prezentat bhala prova fil-kors tal-udjenza.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-udjenza tas-27 ta` Frar 2018.

Rat illi l-gbir tal-provi kien konkluz fl-istess udjenza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

L-intimat kien imsejjah biex jixhed mir-rikorrent.

**L-intimat** xehed illi Cut Coiffeur Company Limited ("**Cut Coiffeur**") waqfet ghal kollox milli taghmel negozju f`Ottubru/Novembru 2015 meta d-direttur l-iehor ir-rikorrent li kien il-hairdresser telaq u waqaf jahdem mal-kumpannija. Meta telaq ir-rikorrent, ghaqal il-bieb tal-hanut, u l-hanut ma regax fetah ghan-negozju. Hekk baqa` anke sal-lum. Eskluda bl-aktar mod kategoriku li n-negozju seta` jerga` jiftah bejniethom ghar-raguni li n-negozju tal-hairdressing kien dipendenti ghal kollox fuq ir-rikorrent peress illi hu ma kienx hairdresser. Spicca r-rikorrent, spicca n-negozju mieghu.

Kompla jghid illi bhar-rikorrent, huwa kien azzjonista u direttur. Matul dawn l-ahhar hames snin, ma kienx qed jaghmel xoghol ghal Cut Coiffeur ghaliex huwa kien qed jahdem go nightclub. It-tmexxija ta` kuljum tal-hanut kienet kollha kemm hi f`idejn ir-rikorrent.

Stqarr illi l-hanut mnejn kienu joperaw in-negozju llum inbiegh. U minfloku ma nfetahx iehor. Qal illi safejn jaf hu Cut Coiffeur kienet trademark registrata. Ma baqghux isiru accounts wara li waqaf in-negozju. Il-kumpannija ghandha d-dejn u ma hemmx mnejn thallas dan id-dejn.

**Av. Dr. Claudette Fenech** ghar-Registratur tal-Kumpanniji pprezentat id-dokumenti kollha ta` Cut Coiffeur (Dok MFSA1) u kkonfermat il-kontenut taghhom.

**Ir-rikorrent** fis-sostanza kkonferma l-fatti nseriti fir-rikors promotur.

Stqarr illi Cut Coiffeur waqfet ghal kollox min-negozju taghha ghal habta ta` Settembru/Ottubru 2015. Lejn l-ahhar, it-thaddim tan-negozju tal-kumpannija kien f`idejh. In-negozju waqaf ghal kollox meta waqaf hu propju ghaliex it-tmexxija tan-negozju kienet tiddependi minnu. Ikkonferma li bit-tluq tieghu, in-negozju waqaf ghal kollox. U hekk baqa` sal-lum. U hekk sejjer jibqa`. Min-naha tieghu huwa mar jimpjega ruhu man-nies fl-istess generu li kellha Cut Coiffeur.

Stqarr illi nbiegh mnejn kienet topera l-ahhar il-kumpannija ghax kien propjeta` taghha. Bir-rikavat kollu tal-bejgh thallas il-bank ghaliex Cut Coiffeur kellha d-dejn. B`li ha l-bank mir-rikavat tal-bejgh, kien ghad fadallu x`jiehu.

Fisser illi r-relazzjonijiet li kellu mal-intimat Bajada intemmu ghal kollox. Intemmu kemm ir-relazzjonijiet ta` negozju mieghu kif ukoll ta` ntimata` personali bejniethom, propju ghaliex bejniethom sfaxxa kollox.

Qal li jekk fadal assets ta` Cut Coiffeur din kienet ghamara li kienet go garage li ma jafx x`sar minnha.

Stqarr illi Cut Coiffeur ghandha dejn qawwi li parti minnu thallas mill-bejgh tal-ahhar fond ta` negozju tas-socjeta`. Id-dejn kien jissupera bis-sewwa t-€300,000 waqt li l-fond inbiegh ghal €120,000. L-ghamara ma tkoprix id-differenza.

Stqarr illi meta n-negozju kien ghadu jopera fl-ahhar zmien, il-flus tan-negozju kienu jmorru go kont il-bank u David Bajada kien jaghmel il-hlasijiet ghaliex il-kontijiet kienu fdati lilu.

Dwar Cut Coiffeur bhala azjenda u avvjament, fisser li t-tmexxija tad-dettalji tan-negozju kienet fl-idejn ta` David Bajada. Kenitx Cut Coiffeur registrata bhala trademark qal li ma kienx jaf bil-preciz ghalkemm Bajada kien qallu li kien hemm din ir-registrazzjoni. Qabel l-gheluq tan-negozju, Cut Coiffeur kienet maghrufa ghal circa 14-il sena go suq fejn intrebhu diversi awards relatati mal-professjonalita` taghha.

## III. <u>Dokumenti</u>

**<u>Fil-qosor</u>**, din hija l-istampa li tohrog mid-dokumenti li jaghmlu parti mill-atti tal-kawza.

Cut Coiffeur (C33501) kienet registrata fit-23 ta` Marzu 2004. Hija *a private exempt limited liability company.* L-*object* principali taghha huwa *the business of hairdressing, beauty and hair-styling.* L-azzjonisti huma r-rikorrent u l-intimat David Bajada, b`differenza minima fl-ghadd ta` ishma bejniethom fis-sens illi Bajada ghandu 45 sehem aktar. L-ishma huma kollha

*fully paid up.* Id-diretturi kienu l-azzjonisti stess waqt li Mario Lapira kien is-segretarju.

L-ahhar *annual report* u *financial statements* tal-kumpannija li kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji kienu dawk ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2007. L-ahhar awditur tal-kumpannija kien Nikki Dimech li tnehha fl-20 ta` Jannar 2010. Ma jirrizultax li nhatar awditur iehor.

Fis-26 ta` April 2010, ittiehdet risoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti fejn dawn qablu li l-flus li kienu silfu lill-kumpannija jigu konvertiti f`zieda fl-*authorised* u fl-*issued share capital* tal-kumpannija ghall-ammont ta` €23,400.

Jirrizulta li kemm ir-rikorrent kif ukoll David Bajada rrizenjaw minn diretturi tal-kumpannija, tal-ewwel fis-6 ta` Novembru 2015 u Bajada fl-4 ta` Dicembru 2015. Fit-2 ta` Novembru 2005, Mario Lapira rrizenja minn segretarju. Id-diretturi baqghu mhux sostitwiti u ghalhekk Cut Coiffeur baqghet bhal diretturi.

Ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat bl-azzjoni odjerna.

## IV. L-azzjoni

Ir-rikorrent qieghed jitlob ix-xoljiment u l-istralc ta` Cut Coiffeur abbazi :

**a) tal-Art 214(2)(a)(i) tal-Kap 386 ;**
**b) tal-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 ;**
**c) tal-Art 214(2)(b)(ii) tal-Kap 386 ;**
**d) tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.**

## V. Locus standi

Qabel ma tghaddi ghall-analizi approfondita tad-disposizzjonijiet li fuqhom ir-rikorrent qieghed jistrieh ghall-fini tal-istanza tieghu, il-Qorti tirreferi ghall-**Art 218(1) tal-Kap 386** li hija d-disposizzjoni li tirregola kif u minn min ghandha tigi promossa talba ghax-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija.

Id-disposizzjoni tghid hekk :-

*Talba lill-qorti (aktar `il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal -*

*(a) stralc ta` kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a) ;*

*(b) xoljiment u stralc ta` kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a) ; jew*

*(c) xoljiment u stralc ta` kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*ghandha ssir b`rikors li jista` jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta` obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji :*

*Izda rikors skont il-paragrafi (b) jew (c) jista` wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpannija.*

**Jirrizulta li meta pprezenta l-kawza r-rikorrent kien azzjonista tal-kumpannija de qua. Ghalhekk ghandu *locus standi* sabiex jippromwovi l-azzjoni kif dedotta.**

## VI. <u>Konsiderazzjonijiet ta` dritt</u>

### 1. <u>L-Art 214(2)(a)(i) tal-Kap 386</u>

Skont din id-disposizzjoni, *kumpannija **<u>tista’</u>** xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ... jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perjodu bla waqfien ta’ erbgha u ghoxrin xahar.*

Ir-rekwiziti tal-**<u>Art 214(2)(a)(i)</u>** huma **(i)** is-**<u>sospensjoni tan-negozju</u>** tal-kumpannija **(ii)** ghal perijodu **<u>bla waqfien</u>** (iii) ta` erbgha u ghoxrin **<u>(24) xahar</u>**. Jidher illi d-disposizzjoni kellha l-origini taghha fl-**<u>Art12(1)(d) tal-UK Insolvency Act 1986</u>**, liema disposizzjoni Ingliza m`ghadhiex taghmel parti mill-Act, ghax kienet superata b`legislazzjoni aktar ricenti.

Ir-rekwizit huwa materja ta` fatt.

**Meta tqis ix-xiehda taz-zewg azzjonisti tal-kumpannija, ir-rekwiziti tad-disposizzjoni jirrizultaw.**

2. <u>**L-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386**</u>

Id-disposizzjoni tghid illi kumpannija ***tista`*** xxolji u tkun stralcjata mill-qorti :

*"... jekk il-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha."*

Il-Qorti tirrileva illi meta tfassal il-mudell ghal-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji, il-qafas maghzul kien dak tal-Companies Act Ingliza 1985. Fil-ligi Ingliza, ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji kien trattat permezz ta` legislazzjoni *ad hoc* u cioe` l-Insolvency Act 1986. Meta fl-1995 saret il-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji li hadet post il-Commercial Partnerships Ordinance 1962, id-disposizzjonijiet li jolqtu x-xoljiment u l-istralc kienu ntegrati fl-Att XXV tal-1995, illum Kap 386.

Fil-ligi taghna, li kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghandu sinjifikat preciz u definit mil-ligi stess. Infatti fl-Art 214(5) il-ligi tistabilixxi liema huma c-cirkostanzi fejn kumpannija titqies li ma tkunx tista` thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art 214(2)(a)(ii). Ghalhekk l-Art 214(2)(a)(ii) ma jistax jinqara minghajr ma ssir riferenza ghall-Art 214(5).

a) <u>**L-Art 214(5) tal-Kap 386**</u>

Tnejn huma c-cirkostanzi definiti mil-ligi meta kumpannija ghandha titqies li ma tistax thallas id-djun taghha –

(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa` ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta` titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili ; jew

(b) jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista` thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.

**Fil-kaz tal-lum, ma kienx specifikat mir-rikorrent fuq liema miz-zewg sitwazzjonijiet qieghed isostni li l-intimata ma tistax thallas id-djun taghha.**

**i) <u>L-Art 214(5)(a) tal-Kap 386</u>**

Dwar din id-disposizzjoni, tajjeb jinghad illi titkellem dwar l-ezekuzzjoni ta` atti ezekuttivi.

**Fil-kors tal-kawza, ma tressqet l-ebda prova dwar ezekuzzjoni ta` atti ezekuttivi kontra l-kumpannija.**

**Ghalhekk mhux pruvat li l-kumpannija ma tistax thallas id-djun taghha abbazi ta` din id-disposizzjoni.**

**ii) <u>L-Art 214(5)(b) tal-Kap 386</u>**

Fit-test bl-Ingliz, id-disposizzjoni taqra :

*"For the purposes of subarticle (2)(a)(ii), a company shall be deemed to be unable to pay its debts … if it is proved to the satisfaction of the court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company."*

Fl-Insolvency Act Ingliza 1986, insibu disposizzjoni li tixbah dik tal-ligi taghna, ghalkemm mhijiex l-istess.

Il-Qorti qeghda tirreferi ghal **<u>Sec. 123(2) tal-Insolvency Act 1986</u>** li jaqra –

*"A company is also deemed unable to pay its debts if it is proved to the satisfaction of the court that the value of the company`s assets is less than the amount of its liabilities, taking into account its contingent and prospective liabilities."*

Il-Qorti diga` rrilevat illi d-disposizzjoni fil-ligi taghna mhijiex identika ghalkemm tixbah lil dik tal-ligi Ingliza.

Id-divergenza bejn iz-zewg ligijiet hija li filwaqt li fil-kaz taghna l-kriterju huwa fis-sens illi "*the company is unable to pay its debts account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company",* fil-kaz tal-ligi Ingliza, il-kriterju huwa divers ghaliex il-Qorti tkun trid tqis illi "*the value of the company`s assets is less than the amount of its liabilities ...*" billi tiehu kont tal- "*... contingent and prospective liabilities".*

Ghal din il-Qorti, id-differenza mhijiex kwistjoni ta` *drafting* izda ta` sostanza. Fl-istess waqt, il-Qorti hija tal-fehma li xorta wahda ghandha tfittex sintesi bejn id-disposizzjoni tal-ligi taghna u dik tal-ligi Ingliza. U s-sintesi hija kostitwita mill-koncett ta` *contingent and prospective liabilities.*

Il-Qorti sejra tirreferi ghal dak li tghid id-dottrina fl-Ingilterra dwar il-materja li tikkostitwixxi l-mertu tal-istanza tal-lum. Bid-debiti riservi, u tenut kont tad-disparita` fid-disposizzjonijiet ta` bejn il-ligi Ingliza u dik taghna, il-Qorti sejra tirreferi ghal dak li tghid id-dottrina Ingliza dwar dak li huwa maghruf bhala *balance sheet insolvency* meta abbinat mal-Art 123(2) tal-Insolvency Act 1986 tar-Renju Unit.

Fil-Pag 19 tal-ktieb **Insolvency Law – Corporate and Personal** (2003 – Pearson Longman) Andrew R Keay u Peter Walton ighidu dwar **balance sheet insolvency** kif mifhuma fil-kuntest tal-Insolvency Act 1986 –

*"In determining whether the assets are outweighed by the liabilities a court is able to take into account contingent and prospective liabilities, but not contingent and prospective assets [Byblos Bank SAL v. Al-Khudhairy (1986) 2 BCC99, 549 (CA)] It has been said that "liabilities" is a broaded term compared with "debts" [Re A debtor (No 17 of 1966) (1967) Ch 590 ; (1967) 1 All ER 668]. "Liabilities" is defined for the purposes of winding up in rule 13.12 (4) to mean "a liability to pay money or money`s worth, including any liability under an enactment, any liability for breach of trust, any liability in contract, tort or bailment and any liability arising out of an obligation to make restitution". Then rule 13.12 (3) states that it is immaterial whether the liability is present or future, whether it is certain or contingent, or whether its amount is fixed or liquidated, or is capable of being acertained by fixed rules or as a matter of opinion.*

*Clearly with this test it is only possible to take into account the assets owned by the company including the uncalled capital of the company [Re National Livestock Insurance Co (1858) 26 Beav 153 ; 53 ER 855 ..."*

Fil-Pag 114 tar-Raba` Edizzjoni (2011) ta` **Principles of Corporate Insolvency Law** (Sweet & Maxwell) Roy Goode ighid hekk –

*"The idea underlying this test … is that it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets and these are insufficient for the purpose …"*

Fil-Pag 130 ikompli hekk –

*"The mere excess of liabilities over assets is not in itself determinative. What has to be shown is that by reason of the deficiency of its assets the company has reached the point of no return."*

Fil-Pag 134 sa 136, l-awtur jittratta n-nozzjoni ta` *contingent liability* u jghid hekk –

*"To give the phrase "contingent liability" any meaning we must restrict it to a liability or other loss which arises out of an existing legal obligation or state of affairs but which is dependent on the happening of an event which may or may not occur. Many of the cases have stressed the need for the liability to arise out of an existing obligation. … in considering whether there is a contingent liability the court has regard to the existing commercial situation, not erely an existing legal obligation. In this regard, assistance can be derived from Financial Reporting Standard 12 which defines a contingent liability in the following terms :*

*(a) "A possible obligation that arises from past events and whose existence will be confirmed only by the occurrence or non-occurrence of one or more uncertain future events not wholly within the entity`s control ; or*

*(b) a present obligation that arises from past events but is not recognised because :*

*(i) it is not probable that a transfer of economic benefits will be required to settle the obligation ; or*

*(ii) the amount of the obligation cannot be measured with sufficient reliability."*

*…*

*the term "contingent liabilities" is ultimately not a term of art and its precise meaning will depend on its context. The court is thus entitled to have regard to commercial realities …"*

Fil-Pag 136 u 137, l-awtur jittratta n-nozzjoni ta` *prospective liability* u jghid hekk –

> *"… The phrase "prospective liability" is neither a legal nor an accounting term of art. It has been judicially defined as : " … a debt which will certainly become due in the future, either on some date which has already been determined or some date determinable by reference to future events."*
>
> *… it has been described … as unmatured liability which will inevitably ripen into a debt with the passage of time. Such a definition encompasses all forms of debitum in praesenti, solvendum in futuro including an indisputable claim for unliquidated damages which remains only to be quantified and will result in a debt far more than a nominal amount. "Prospective liability" thus embraces both future debts, the sense of liquidated sums due, and unliquidated claims."*

Dwar l-Art 214(5)(b) din il-Qorti diversament presjeduta fid-decizjoni taghha tat-28 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited**" qalet hekk –

> *"Din il-kondizzjoni tista` tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda … it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re : European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122).*
>
> *Ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithallsu."*

**In kwantu jirrigwarda l-apprezzament ta` l-provi dwar din id-disposizzjoni, il-Qorti sejra taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha `l quddiem.**

3. **<u>L-Art 214(2)(b)(ii) tal-Kap 386</u>**

Skont din id-disposizzjoni, *kumpannija ghandha tkun xolta bil-qorti* jekk *in-numru ta' diretturi jkun nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur.*

Id-disposizzjoni trid tinqara flimkien ma` ohra li hija relatata maghha u cioe` l-**<u>Art 214(3) tal-Kap 386</u>** li tghid hekk :-

*Fil-kazijiet ta' xoljiment li jaqghu taht is-subartikolu (2)(b), il-qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha, tiddeciedi jekk il-kumpannija ghandhiex tkun stralcjata mill-qorti jew volontarjament :*

*Izda ghall-finijiet tas-subparagrafi (ii) u (iv) tal-imsemmi paragrafu (c), il-qorti fid-diskrezzjoni taghha u jekk tintwera raguni xierqa tista', u ghall-finijiet tas-subparagrafu (i) tal-istess paragrafu l-qorti ghandha, qabel ma tordna x-xoljiment tal-kumpannija, taghti perjodu ta' zmien ta' mhux iktar minn tletin jum, li fih il-kumpannija tkun tista' tirrimedja n-nuqqas u malli tinghata prova li dak in-nuqqas ikun gie rimedjat, il-qorti ma ghandhiex tordna x-xoljiment tal-kumpannija.*

**Il-Qorti tirrimarka li fit-test Malti tal-*proviso* tal-Art 214(3) hemm zball evidenti fis-sens illi l-paragrafu koncernat huwa il-(b) mhux is-(c). Fil-fatt fit-test bl-Ingliz tal-Kap 386, ir-referenza hija korretta u cioe` l-paragrafu (b). Skont l-Art 2(7) tal-Kap 386, fil-kaz ta` konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz, jipprevali t-test Ingliz.**

L-**<u>Art 137 tal-Kap 386</u>** jistabilixxi l-ghadd minimu ta` diretturi. Fil-kaz ta` kumpannija pubblika (is-subartikolu 1) irid ikun hemm tal-inqas zewg diretturi, waqt li fil-kaz ta` kumpanniji privati [bhal ma hija dik tal-lum] (is-subartikolu 2) irid ikun hemm tal-inqas direttur wiehed.

**Irrizulta li z-zewg diretturi li kellha l-kumpannija rrizenjaw u ma kienux sostitwiti. Ghalhekk il-kumpannija baqghet sprovvista minn diretturi ben oltre z-zmien stabbilit mil-ligi. Fil-fatt fl-assenza ta` diretturi l-interess tal-kumpannija fil-procediment tal-lum kellu jkun tutelat bil-hatra ta` kuraturi deputati.**

4. **<u>L-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>**

Id-disposizzjoni tghid illi :

*"kumpannija ghandha tkun xolta bil-qorti jekk … il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija".*

Il-ligi thalli lill-Qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "**gravi bizzejjed**".

Jekk tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem il-Qorti ma jkollhiex aktar diskrezzjoni u **tkun obbligata** taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment tal-kumpannija.

**Pero**`, tibqa` fdata lill-Qorti d-diskrezzjoni jekk tistralcjax inkella le l-kumpannija skont l-ewwel parti ta` l-Art 214(3).

**Il-proviso tal-Art 214(3) ma japplikax ghall-Art 214(2)(b)(iii).**

Dan premess, il-ligi ma taghti l-ebda tifsira ta` x`inhuma *"ragunijiet gravi bizzejjed".*

**Ghalhekk il-Qorti m`ghandha tiskarta xejn.**

**Sabiex tistabilixxi jekk fatti jew cirkostanzi humiex gravi bizzejjed, il-Qorti m`ghandhiex toqghod fuq grajjiet li jkun sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors promotur tal-azzjoni, izda ghandha taghti piz ukoll ghal kull ma jigri anke wara, sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.**

Fl-**Art 122 tal-Insolvency Act 1986 Ingliza**, wiehed isib lista ta` cirkostanzi li jwasslu ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` kumpannija.

Fl-Insolvency Act 1986 ma hemmx disposizzjoni identika ghal dik li tirrizulta fl-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.

Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija l-Art 122(1)(g) li tghid : *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni taghna hija aktar stretta fis-sens illi fil-kaz taghna l-Qorti ghandha xxolji meta fil-fehma taghha jkunu jirrizultaw ragunijiet gravi bizzejjed.

Fil-ligi Ingliza, il-kriterju huwa dak tal-gustizzja u l-ekwita`.

L-istrettezza tad-disposizzjoni taghna taghmel hafna sens anke ghaliex meta l-Qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed, allura minn hemm tkun obbligata tordna x-xoljiment tal-kumpannija.

Il-Qorti tasal biex tghid li, stabbiliti r-ragunijiet gravi, ikun bil-wisq difficli ghall-qorti fil-kuntest tal-ewwel parti tal-Art 214(3) li ma tghaddix ukoll ghall-istralc tal-kumpannija.

Il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-Art 122(1)(g) tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-Qrati Inglizi biex ighidu x`inhu *just and equitable* ghall-fini ta` *winding up* tghin biex tiftah tieqa lill-Qrati taghna ghall-interpretazzjoni ta` x`jistghu jkunu ragunijiet gravi bizzejjed.

Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

## VII. <u>Risultanzi</u>

Din il-Qorti ghandha **<u>l-prova</u>** li wara Ottubru/Novembru 2015, u allura ghal aktar minn sentejn fil-wisgha, in-negozju tal-kumpannija ntimata **<u>waqaf ghal kollox</u>**, mhux semplicement kien sospiz, minghajr l-icken prospettiva li jerga` jibda mill-gdid, propju ghaliex ir-rikorrent u David Bajada ma kinux semplici assocjati fin-negozju izda kellhom relazzjoni intima bejniethom illi ntemmet fil-prossimita` taz-zmien li fih waqaf ghal kollox in-negozju tal-kumpannija. Mitmuma dik ir-relazzjoni, in-negozju ta` bejniethom sfaxxja wkoll.

Li kieku kellha twarrab ghal kollox fil-genb l-intimita` tar-relazzjoni personali ta` bejn l-azzjonisti, il-Qorti tqis illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li Cut Coiffeur mhux biss ghandha tkun xjolta izda ghandha tkun stralcjata, abbazi tal-erba` disposizzjonijiet li fuqhom mexa r-rikorrent bl-azzjoni tieghu.

Il-kumpannija waslet *to a point of no return*. Ir-*ratio* li wassal lir-rikorrent u lill-intimat Bajada biex jiffurmaw il-kumpannija llum huwa *dead and buried*. Il-post mnejn l-ahhar kien gestit in-negozju tal-*hairdessing* u cioe` l-hanut tal-Fgura mhux biss ghalaq izda nbiegh lil terzi u mir-rikavat ta` dak il-bejgh ir-rikorrent u l-intimat Bajada ma thallsu xejn ghaliex ir-rikavat mar kollu favur il-bank li thallas in parte ta` dejn li kellha l-kumpannija. Di piu` t-tnejn irrizenjaw minn diretturi, ma gewx sostitwiti u ma hemm l-ebda rieda sabiex mill-azzjonisti li jahtru diretturi anke jekk ma jkunux huma stess. Ghalhekk il-kumpannija sfat bla tmexxija.

Irrizulta li Cut Coiffeur ma tistax thallas id-djun taghha anke ghaliex mhijiex qeghda tiggenera dhul li minnu jistghu jithallsu l-kredituri. Mill-ftit assi konsistenti minn ghamara li fadal certament ma hemmx mnejn jithallsu l-kredituri. Jirrizultaw sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 214(5)(b) tal-Kap 386. Infatti kien ippruvat li l-kumpannija ghandha passiv kontingenti li jaqbez bil-bosta l-ftit assi li ghad fadal (ara d-deposizzjoni *supra* tar-rikorrent). Dwar passiv prospettiv il-qorti hija sprovvista minn prova preciza u dokumentata, anke ghaliex l-ahhar *audited financial statements* li saru kienu dawk ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2007.

Illum ir-rikorrent u l-intimat Bajada hadu toroq differenti. Bajada ma fadallu ebda interessi fil-*hairdressing* waqt li r-rikorrent dahal jahdem man-nies fil-*hairdressing*. Apparti l-konsiderazzjonijiet diga` espressi, fil-kaz tal-lum tirrizulta sitwazzjoni ta` *disappearance of the substratum* (ara : Andrew Muscat : **Principles of Maltese Company Law** : MUP : pg 1020 et seq) Jekk l-azzjonisti m`ghadx ghandhom interess imexxu `l quddiem l-ghanijiet li ghalihom waqqfu l-kumpannija, dik ghandha titqies bhala "raguni gravi" ghax-xoljiment u l-istralc.

**Il-Qorti ghandha c-certezza morali li kienu ppruvati r-rekwiziti tad-disposizzjonijiet citati mir-rikorrent, u ghalhekk sejra tordna kemm ix-xoljiment u kif ukoll l-istralc tal-kumpannija intimata.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent u dwar l-eccezzjonijiet tal-intimati billi qeghda :-**

**Tilqa` l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet.**

**Riferibbilment ghat-tielet (3) talba, tiddikjara u tiddeciedi li l-kumpannija ntimata ma tistax thallas id-djun taghha a tenur tal-Art 214(2)(a)(ii) u tal-Art 214(5)(b) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tilqa` r-raba` (4) talba.**

**Tipprovdi dwar il-hames (5) talba, billi tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata Cut Coiffeur Company Limited (C33501) abbazi ta` l-Art 214(2)(a)(i), ta` l-Art 214(2)(a)(ii), ta` l-Art 214(5)(b), ta` l-Art 214(2)(b)(ii) u ta` l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Riferibbilment ghas-sitt (6) talba, tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija ntimata Cut Coiffeur Company Limited (C33501) bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Riferibbilment ghas-seba` (7) talba, tordna lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport sa zmien xaghrejn mil-lum.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386, tordna lir-rikorrent, lill-kumpannija ntimata Cut Coiffeur Company Limited u lill-intimat David Bajada sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluzi l-ispejjez tal-kuraturi deputati, kif ukoll l-ispejjez kollha tal-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tal-istralcjarju.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 21 ta` Gunju 2018 fid-9.00 a.m.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**